# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 336/2018 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**VF**

**vs**

**AF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' VF, datat 24 ta' Lulju, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk :

*Illi l-esponenti VF u AF izzewgu fis-7 ta' Gunju 2005, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru 892/2005 (Dok. A).*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, EF, li llum ghandha 13-il sena.*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin legalment mis-27 ta' Awissu 2013, meta sseparaw b'kuntratt tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech (Dok. B), u kienu mifrudin de facto ghal snin shah precedentement.*

*Illi l-esponent VF u l-intimat AF huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin, u ghandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom infushom, u ghalhekk hadd minnhom ma jippretendi ebda hlas ta' manteniment minghand l-iehor, la ghaz-zmien li ghadda u lanqas ghall-futur. Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi, l-esponent irrinunzja ghad-dritt li jitlob jew jircievi manteniment*

*minghand l-intimata, filwaqt li l-intimata ddikjarat li ddekadiet mid-dritt li titlob jew tircievi manteniment minghand l-esponenti.*

*Illi l-esponenti dejjem hallas fl-intier tieghu, u puntwalment, il-manteniment shih dovut lill-intimata ghall-bzonnijiet ta' binthom, u lanqas ma hemm kwistjonijiet bejn il-kontendenti fir-rigward.*

*Illi ma hemm ebda prospettiva ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.*

*Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:*

*(1) tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg imsemmi numru 892/2005;*

*(2) tordna lir-Registratur javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AF, datata 10 ta' Jannar, 2019, a fol 37 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi hi ma topponix ghad-divorzju billi ma tezisti l-ebda raguni ghala l-partijiet ma ghandhimx jisseparaw;*

2. *Illi hi ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri peres li r-rikorrenti talabhom ghax ghandu habiba barranija u ghandu interess f'dawn il-proceduri habba f'hekk;*

3. *Salv risposta ulterjuri;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AF** xehdet a fol 38 *et seqq.*, illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Gunju 2005 u kien ottjenew separazzjoni legali fis-27 t'Awissu 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, u dan wara li kienu ilu *de facto* separati ghal snin shah qabel. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, li llum il-gurnata ghandha tlettax -il sena. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**VF** xehed a fol 41 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tal-intimata.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu***

***għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi in segwitu taz-zwieg taghhom tas-7 ta' Gunju 2005, (vide Dok A a fol 3), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Frar 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide Dok B a fol 4), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda tama ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**